**BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA'**

**CHAIRPERSON MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D.**

**Rikors Numru 47/2023SG**

**Carmela sive Carmelina Bugeja (K.I. 410137M)**
**David Bugeja (K.I. 395666M)**
**Joseph Bugeja (K.I. 100463M)**
**Isabelle Mizzi (K.I. 42470M)**
**Joseph Mifsud (K.I. 285170M)**

**Vs**

**Joseph Callus (K.I. 0089166M)**

**Illum, 26 ta' Marzu, 2025**

Il-Bord,

Ra r-rikors promotur ippreżentat fit-23 ta' Ottubru, 2023, fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:

> *"i. Illi I-esponenti jqabblu lill-intimat Joseph Callus bicca raba baghli f'Tal-Ibragg, limiti tas-Siggiewi, accessibbli minn triq bla isem, tal-kejl ta' cirka ghaxar sieghan,ekwivalenti ghal 1,873.53 m.k., konfinanti minn Nofsinhar ma' triq bla isem u mill-irjieh l-ohra ma' ghelieqi ohra ta' terzi persuni, skond pjanta "Dokument A", bi qbiela ta' €18.64c fis-sena li jithallsu kull 25 ta' Dicembru bil-quddiem. Illi din I-art ilha hekk imqabbla ghal ghexieren ta' snin.*
>
> *ii. Illi din I-art originarjament kienet indiviza, izda b'kuntratt tat-22 ta' Dicembru 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa', "Dokument B" hawn anness, inqasmet f'zewg porzjonijiet ugwali, liema porzjonijiet gew assenjati in kwantu ghall-porzjon*

*Numru. 1 lil Mary Mifsud u in kwantu ghall-porzjon nru. 2 lill-Antonio sive Anthony Bugeja.*

*iii. Illi Antonio Bugeja miet fit-13 ta' Frar 2013 u skond l-ahhar testment tieghu tat-18 ta' Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon,"Dokument C" hawn anness, huwa halla lil martu r-rikorrenti Carmela sive Carmelina Bugeja l-uzufrutt vita durante tal-beni kollha tieghu, filwaqt illi nnomina bhala eredi universali tieghu lit-tlett uliedu r-rikorrenti David, Joseph u Isabelle ahwa Bugeja.*

*iv. Illi Mary mart Paul Mifsud mietet intestata fit-22 ta' Gunju 2016 u b'digriet tas-27 ta' Gunju 2017, "DokumentD" hawn anness, il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) ordnat l-apertura tas-successjoni taghha favur binha r-rikorrenti Joseph Mifsud in kwantu ghal nofs indiviz u favur l-armel taghha Paul Mifsud in kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor.*

*v. Illi l-wirt tal-istess Mary mart Paul Mifsud gie dikjarat causa mortis lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'dikjarazzjoni causa mortis tad-19 ta' Gunju 2017 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, kif jirrizulta mid-"Dokument E" hawn anness.*

*vi. Illi Paul Mifsud miet testat fis-26 ta' Frar 2019 u skond l-ahhar testment tieghu tas-7 ta' Frar 2017 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar huwa nnomina bhala l-uniku werriet universali u padrun assolut ta' gidu kollu lill-uniku ibnu r-rikorrenti Joseph Mifsud.*

*vii. Illi l-valur lokatizju ta' din il-proprjeta' huwa ferm akbar minn €18.64c fis sena li r-rikorrenti suppost jircievu minghand l-intimat.*

*viii. Illi l-valur fis-suq tar-razzett u tal-ghalqa de quo huwa ta' circa €250,000 u ghandha valur lokatizju sostanzjali u ghalhekk tenut kont tal-fatt illi l-qbiela pagabbli hija ta' biss €18.64cc fis-sena, certament illi hemm sproporzjon flagranti bejn il-valur lokatizju fuq is-suq hieles u l-valur lokatizju kif impost mill-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement bejn id-drittijiet tar-rikorrenti bhala sidien l-ghalqa u l-intimat Callus bhala gabillott tal-istess ghalqa.*

*ix. Illi b'Rikors Kostituzzjonali 145/2022FDP fl-ismijiet Carmelina Bugeja et Vs. Avukat tal-Istat et, deciza fit-28 ta' Settembru 2023, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ir-rikorrenti ottjenew dikjarazzjoni tal-ksur tad-*

*drittijet fundamentali taghhom peress l-ammont ta' qbiela li qieghda tithallas ma zzommx proporzjon bejn id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u l-interessi tal-intimat.*

*x. Illi kopja tal-istess sentenza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili f'Sede Kostituzzjonali qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument F'.*

*xi. Illi ai termini tal-Artikolu 2A tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta, l-kera tar-raba in kwistjoni ghandu joghla ghall-valur ta' mhux anqas minn €3,750 fis-sena, ghal 2 tomna raba u dan minghajr pregudizzju tad-drittijiet Kostituzzjonali li s-sidien jippretendu li jistghu tal-volta jintavolaw wara jesploraw l-effetti ta' dan ir-rikors stante illi l-valutazzjoni kif imposta mil-ligi a tenur tal-Att XXII tal-2022, kif ukoll ai termini tal-L.N. 60 tat-2023, jivvjolaw d-drittijiet kostituzzjonali taghhom stante illi m'hijiex ibbazata fuq il-valur liberu tas-suq imma fuq valur agrikolu bla bazi.*

*xii. Illi l-valur tar-raba' kif impost mil-ligi ghandu jigi stmat bhala raba' ghall-uzu agrikolu li jista' jinkiseb fuq is-suq miftuh, il mezzi tal-kerrej, ic-cirkostanzi u l-kundizzjoni tar-raba u kwalunkwe piz li jkun sproporzjonat ghall-sid il-kera, b'dan il-valur oggettiv tar-raba hafna drabi ma jkunx qed jigi moghti.*

*xiii. Illi ai termini tal-istess Artikolu 2A tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' malta, l-kera kif riveduta mill-Bord ghandha tkun ta' wiehed punt hamsa fil-mija (1.5%) tal-valur tal-art fis-suq miftuh fir-rigward tal-art uzata ghas-skopijiet agrikoli.*

*xiv. Illi ghalhekk l-kera/qbiela applikabbli ghandha tigi riveduta u ghandha tapplika ghall-perjodu ta' tmien snin a tenur tal-istess artikolu tal-ligi.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord jogghbu jordna l-awment fil-kera ta' bicca raba baghli f' Tal-Ibragg, limiti tas-Siggiewi, accessibbli minn triq bla isem, tal-kejl ta' cirka ghaxar sieghan, ekwivalenti ghal 1,873.53 m.k., konfinanti minn Nofsinhar ma' triq bla isem u mill-irjieh l-ohra ma' ghelieqi ohra ta' terzi persuni, fis-somma ta' mhux anqas minn €3,750 fis-sena, bir-rata ta' 1.5% tal-valur fis-suq ghal art agrikola u/jew somma ohra verjuri kif stabbilita minn dan il-Bord ghall-perjodu ta' tmien snin u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha li dan il-Bord joghgbu xieraq u opportun, b'rizerva ghal kull azzjoni kostituzzionali li talvolta jistghu jintavolaw l-istess rikorrenti jekk l-*

*istima tar-raba u l-ambjenti fis-suq m'hijiex gradevoli ghalihom ghaliex ma tkunx stmata skont il-valur fis-suq liberu.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni."*

Ra r-risposta tal-intimat Callus tas-27 ta' Novembru, 2023, fejn ġie eċċepit:

*"1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghar-ragunijiet li geijin;*

*2. Illi preliminarjament l-azzioni hija konfuzjonali, monka u ghandha tigi rigettata, in kwantu m'huwiex car jekk ir-rikorrenti humiex qed jinvokaw l-artikolu 3 sub-inciz 2A, jew jekk minflok qed jattakkawh. Dan ghaliex f'paragrafu 'xi' et seq ir-rikorrenti l-ewwel japplikawh, izda fl-istess hin jikkritikawh bhala inadegwat;*

*3. Illi dejjem in linea preliminari, u minghajr pregjudizzju ghall-eccezzioni ta' qabel din, kemm-il darba r-rikorrenti jiccaraw illi qed jattakkaw l-imsemmi artikolu, qed tigi eccepita l-inkompetenza rationae materiae in kwantu dan m'huwiex il-forum kompetenti biex jigi trattat mertu simili;*

*4. Illi fil-mertu u minghajr pregjudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, assolutament mhuwiex minnu illi l-valur tal-art mertu ta' din l-azzjoni huwa ta' €250,000, kif pretiz fil-paragrafu 'viii', izda huwa ferm izjed baxx minn hekk. Ta' min jghid biss illi r-rikorrenti kienu stmawha €33,000 fid-dikjarazzjoni causa mortis li huma stess ghamlu fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar fid-19 ta' Gunju 2017, filwaqt illi aktar ricentement din giet stmata €65,000 mill-perit Elena Borg Costanzi mahtura mill-Qorti fil-kawza invokata mill-istess rikorrenti bl-ismijiet Carmela Bugeja et vs. Avukat tal-Istat et (145/22FDP), [Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), deciza fit-28 ta' Settembru 2023]. Dan apparti u minghajr pregjudizzju ghall-kaz li jekk ir-rikorrenti qieghdin jitolbu revizjoni a bazi tal-artikolu 3 sub-inciz 2A, il-valur tal-art huwa ferm inqas minn hekk meta kkalkulat kif trid il-ligi, u cioe' bir-regolamenti vigenti taht l-Avviz Legali 60 tal-2023;*

*5. Illi del resto l-anqas ma huwa minnu illi din l-art fiha razzett. Ghalhekk il-valur pretiz, apparti li huwa esagerat, huwa infondat in kwantu huwa bazat fuq dikjarazzioni falza;*

*6. Illi hija skorretta l-premessa f'paragrafu 'xi' li I-kera ghandha toghla ghal €3,750 fis-sena,stante li*

*a) Qabel xejn, tali zieda hija kalkolata fuq il-presunzjoni zbaljata li hemm razzett, meta fil-verita' ma jezisti l-ebda razzett fuq l-art;*
*b) Fit-tieni lok, ma jissussistux il-kriterji illi jistghu iwasslu ghal awment ta' kera. Inoltre, jekk stess jirrizulta xi kriterju/i li trid il-ligi dan xorta ma jiggustifikax iz-zieda illi qed jivvantaw ir-rikorrenti; u*

*c) Finalment, ir-revizjoni pretiza mir-rikorrenti hija esagerata meta imqabbel mal-valur lokatizju annwali stabbilit mill-perit Borg Costanzi fil-kawza surriferita, ossia €650 ghas-sena 2022, liema rata, tajjeb jinghad, giet bazata mhux fug kriterji agrikoli, izda fuq fatturi ohra illi jinkludu s-suq hieles. Ghalhekk l-awment pretiz ma huwiex misthoqq;*

*7. Illi ai fini tal-paragrafu 'b' tal-artikolu 3 sub-inciz 2A ta' Kap 199, l-eccipjent jiddikjara li l-valur lokatizju annwali ghandu jkun ta' €75, tenut kont il-fatturi kollha rilevanti, kompriz izda mhux biss, il-kwalita' tar-raba, id-daqs tal-art, l-assenza totali ta' ilma u l-mezzi tal-intimat;*

*8. Salv eccezzionijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz."*

Ra d-dokumenti eżebiti;

Ra r-rapport tal-Membri Tekniċi;

Sema' l-provi prodotti;

Ra li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra:**

Qabel ma' dan il-Bord jidħol f'eżami fil-mertu, sejjer iqis l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimat, permezz tat-tieni (2) u t-tielet (3) eċċezzjoni tiegħu, fis-sens li skont l-intimat, mhux ċar jekk ir-rikorrenti humiex jinvokaw l-Artikolu 3 sub-inċiż 2A, jew jekk minflok

qed jattakkawh, u f'każ li qegħdin jakkattawh, dan il-Bord ma għandux il-kompetenza *rationae materiae* sabiex jiddeċiedi l-każ. Il-Bord fela l-kontenut tar-rikors tar-rikorrenti senjatament il-premessi u talbiet u jirriżulta ċar li r-rikorrenti qegħdin jagħmlu din il-kawża abbażi tal-artikoli applikabbli, sabiex il-kera tiġi awmentata. Permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti mhumiex jattakkaw il-liġi hekk kif inhi viġenti. Sempliċiment qed jagħmluha ċara li huma ma jaqblux ma' dak li tgħid il-liġi, tant li rriżervaw b'mod kontinwu, kemm fir-rikors promotur, kif ukoll fid-diversi verbali li saru waqt is-smigħ ta' din il-kawża, *"id-drittijiet Kostituzzjonali li s-sidien jippretendu li jistghu tal-volta jintavolaw wara jesploraw l-effetti ta' dan ir-rikors stante illi l-valutazzjoni kif imposta mil-ligi a tenur tal-Att XXIl tal-2022, kif ukoll ai termini tal-L.N. 60 tat-2023, jivvjolaw d-drittijiet kostituzzjonali taghhom stante illi m'hijiex ibbazata fuq il-valur liberu tas-suq imma fuq valur agrikolu bla bazi".*

Per konsegwenza, ma tqum l-ebda kwistjoni ta' kompetenza *rationae materiae*, u għaldaqstant, kemm it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-intimat qed jiġu respinti.

**Ikkunsidra:**

Permezz ta' din il-kawża, qed jintalab l-awment fil-kera ta' biċċa raba' bagħli f'Tal-lbraġġ, limiti tas-Siġġiewi, fis-somma ta' mhux anqas minn tlett t'elef, seba mija u ħamsin Ewro (€3,750) fis-sena. Għal din it-talba, l-intimat eċċepixxa fost l-oħrajn, li l-qbiela ġusta għandha tkun dik ta' ħamsa u sebgħin Ewro (€75) per annum.

Jiġi rilevat li fil-verbal tat-12 ta' Diċembru, 2024, ġie vverbalizzat illi ma kienx hemm kontestazzjoni li l-qbiela qiegħda titħallas permezz ta' ċedoli ta' depożitu a favur tar-rikorrenti.

Il-Bord iqis li din il-kawża ġiet ippreżentata fi żmien meta kien daħal fis-seħħ l-Att XXII tal-2022, li kien introduċa varji emendi fil-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta. B'mod partikolari, fiż-żmien li ġiet ippreżentata din il-kawża, l-Artikolu 3(2A) u (3) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta beda jaqra s-segwenti:

> *"(2A) Meta t-tibdil fil-kondizzjonijiet ta' kirja taħt dan l-artikolu jkun jikkonsisti f'żieda fil-kera għandhom japplikaw d-dispożizzjonijiet li ġejjin:*

*(a) is-sid għandu fir-rikors tiegħu jindika b'kemm għandha togħla l-kera;*

*(b) il-kerrej min-naħa tiegħu għandu jindika fir-risposta tiegħu kemm fil-fehma tiegħu għandha tkun il-kera ġusta;*

*(ċ) fis-sentenza finali tiegħu l-Bord għandu jistabbilixxi l-kera ġusta wara li jqis il-valur tar-raba' stmata bħala raba' għal użu agrikolu li jista' jinkiseb fuq is-suq miftuħ, il-mezzi tal-kerrej, iċ-ċirkostanzi u lkondizzjoni tar-raba' u kwalunkwe piż li jkun sproporzjonat għal sid il-kera;*

*(d) il-Bord jista' jistabbilixxi li kwalunkwe żieda fil-kera għandha tkun gradwali;*

*(e) il-kera kif riveduta mill-Bord ma għandhiex teċċedi wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) fis-sena tal-valur tal-art libera u franka stabbilit skont il-paragrafu (ċ);*

*(f) meta r-raba' jinkludi razzett li jkun użat mill-kerrej bħala l-post ta' residenza unika tiegħu, il-kera għal dak ir-razzett waħdu ma għandhiex teċċedi tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur tar-razzett liberu u frank fissuq miftuħ:*

*Iżda l-kerrej għandu jingħata l-għażla mill-Bord li ma jkomplix fil-kirja tar-razzett, u jkompli biss fil-kirja tar-raba' b'dik il-kera kif riveduta millBord skont dan is-subartikolu;*

*(g) il-kera riveduta għandha tapplika għal perjodu ta' tmien (8) snin;*

*(h) il-kera għandha tibqa' l-istess wara l-għeluq tat-tmien (8) snin, sakemm ma jintlaħaqx ftehim mod ieħor bejn il-kerrej u sid il-kera, jew sakemm sid il-kera ma jerġax jitlob iż-żieda fil-kera skont dan l-artikolu.*

*(3) Il-Bord jista', minflok ma jiċħad il-kondizzjonijiet ġodda proposti minn sid il-kera, jimmodifikahom u japprovahom sa fejn ikunu ġustifikati bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li hemm fis-subartikoli (2) u (2A):*

*Iżda f'ebda każ ma għandhom dawk il-kondizzjonijiet ikunu anqas favorevoli għal sid il-kera minn dawk tal-aħħar kirja preċedenti."*

Meta l-Bord evalwa dan l-artikolu fid-dawl tar-rikors promotur u tar-risposta ppreżentata, iqis li s-sidien fir-rikors tagħhom, indikaw li l-kera tar-raba' għandha togħla fl-ammont ta' tlett t'elef, seba mija u hamsin (€3,750), filwaqt li l-intimat iddikjara li l-qbiela ma għandhiex tkun aktar minn ħamsa u sebgħin Ewro (€75) per annum.

Il-Bord sejjer issa jgħaddi, biex iqis il-kera ġusta li għandha titħallas, u li skont l-istess Artikolu 2A(ċ) tal-Kap 199 għandha tiġi stabbilita, wara li dan il-Bord iqis il-valur tar-raba' stmata bħala raba' għal użu agrikolu, li jista' jinkiseb fuq is-suq miftuħ, il-mezzi tal-kerrej, iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjoni tar-raba', u kwalunkwe piż li jkun sproporzjonat għal sid il-kera.

Dan il-Bord fela l-Avviż Legali 60 tal-2023, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 199.02, li jikkonsisti f'regolamenti dwar il-valutazzjoni tal-art agrikola, u li kif jispjega l-Artikolu 2 ta' dawn ir-Regolamenti, l-għan tagħhom huwa sabiex jistabbilixxi metodu standard ta' valutazzjoni, li għandu jiġi applikat għall-valutazzjonijiet kollha tal-valur tas-suq miftuħ tal-art agrikola.

Dan il-Bord iqis li l-valur tar-raba' stmata bħala raba' għal użu agrikolu, li jista' jinkiseb fuq is-suq miftuħ, **għandu jiġi kkalkolat abbażi ta' dawn l-istess Regolamenti.**

Tenut kont li dan l-eżerċizzju huwa wieħed li jeħtieġ stima ta' raba' u fehmiet tekniċi oħra, ai termini tal-Artikolu 5(8) tal-Kap 199, inħatru żewġ membri tekniċi, li ppreżentaw ir-rapport tagħhom.

Il-Bord fela r-rapport dettaljat tal-Membri Tekniċi, li fih ikkonkludew li l-istima tal-valur tar-raba' in kwistjoni libera u franka, stmata bħala raba' għal użu agrikolu li jista' jinkiseb fuq is-suq miftuħ, fid-dawl tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 199.02, huwa ta' €6,714.21ċ. Il-Bord jagħmel referenza f'dan l-istadju, għall-Artikolu 9(3) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipola li ċ-Chairman huwa obbligat li joqgħod fuq ir-rapporti taż-żewġ membri li jinsabu fuq iż-żewġ listi, li jkunu ġew assenjati każ partikolari skont l-Artikolu 5(8), kull meta r-rapporti jkunu unanimi. Per konsegwenza, iċ-Chairman ta' dan il-Bord sejjer joqgħod fuq ir-rapport tal-Membri Tekniċi u fuq il-konklużjonijiet li laħqu.

Mir-rapport tal-Membri Tekniċi, il-Bord seta' jikkonstata ċ-ċirkostanzi u l-kondizzjoni tar-raba' in kwistjoni, hekk kif mitlub fl-Artikolu 3(2A)(ċ) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalkemm huwa minnu li dan il-Bord għandu d-diskrezzjoni li jistabbilixxi li kwalunkwe żieda fil-kera tkun gradwali, u li l-kera kif riveduta tkun ta' perċentwal li ma jeċċedix 1.5% fis-sena tal-valur tal-art libera u franka, hekk kif stabbilita fl-Artikolu 3(2A)(ċ) tal-Kap 199, dan il-Bord iqis li fid-dawl ta' diversi sentenzi li qed jiġu mogħtija mill-Qrati Kostituzzjonali, dwar leżjoni tad-drittijiet fondamentali tas-sidien, kif sanċiti fl-Artikolu 1, Protokol 1, tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali vis a vis kirjiet agrikoli, u kif ukoll fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-persentaġġ li għandu jiġi utilizzat huwa dak ta' 1.5%, u ċioè l-massimu stipulat fil-liġi viġenti.

Għaldaqstant, dan il-Bord qiegħed jikkonkludi, li l-kera riveduta għandha tkun dik ta' 1.5% fis-sena tal-valur tal-art libera u franka, stabbilit skont il-paragrafu 3(2A)(ċ)tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè 1.5% ta' €6,714.21ċ. Per konsegwenza, iż-żieda fil-kera ta' din ir-raba' li sejra tiġi ordnata, hija fl-ammont ta' €100.71ċ fis-sena.

Finalment il-Bord iqis, li ma jeżistux raġunijiet validi sabiex din iż-żieda tkun waħda gradwali. In oltre, stante li ma rriżultax li f'din ir-raba' kien hemm xi razzett jew bini li kien qed jiġi utilizzat bħala post ta' residenza, dan il-Bord ma kellux għalfejn jidħol f'eżami dwar kalkoli ta' kera, ai termini tal-Artikolu 3(2A) (f) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

**Għaldaqstant, il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza, billi jiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-intimat, filwaqt illi jordna li l-kera li għandha titħallas mill-intimat, fir-rigward tar-raba' bagħli f'Tal-lbraġġ, limiti tas-Siġġiewi, ta' kejl ta' circa 1873.53 metri kwadri jew 1.67 tomniet, għandha tkun dik ta' mitt Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€100.71ċ) fis-sena. Il-Bord jagħmilha ċara, li din il-kera riveduta għandha tapplika għal perijodu ta' tmien snin mil-lum. In oltre, din il-kera għandha tibqa' l-istess wara l-għeluq tat-tmien snin, sakemm ma jintlaħaqx ftehim mod ieħor bejn il-kerrej u sid il-kera, jew sakemm sid il-kera ma jerġax jitlob iż-żieda fil-kera, skont l-Artikolu 3(2A) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Minħabba n-natura tal-proċeduri, kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.**

---

**Maġistrat Dr. Simone Grech**
**Chairperson**

---

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**